MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2008

Numru. 576/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**Vs**
**Frederick Mallia ta’ 20 sena, bin Francis u Emanuela nee’ Magro, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Lulju 1987, residenti 4, Alley 3, Triq Santa Lucia, Naxxar, detentur ta’ karta ta’l-identita’ numru 311787(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frederick Mallia akkuzat:

1. talli ghal habta tax-xahar ta’ Frar 2008, minn gewwa skrap yard sitwata fil-Wied ta’l-Iklin, Iklin, ikkometta serq ta’ pjanci ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAC 818, ghad-detriment ta’ George Camenzuli minn H’Attard u/jew

persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa.

2. u aktar talli fl-4 ta’ April 2008 ghal habta tat-tmienja u kwart ta’ fil-ghodu gewwa Pjazza Sir Adrian Dingli, Sliema, u fil-granet ta’ qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi Awtorita’ Pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u cioe’ billi ghamel uzu minn numru ta’ registrazzjoni GAC 818 fuq vettura ta’l-ghamla Mercedes Benz li n-numru tar-registrazzjoni originali taghha huwa JAE 485.

3. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe’ billi ghamel uzu minn numru ta’ registrazzjoni GAC 818 fuq vettura ta’ l-ghamla Mercedes Benz li n-numru tar-registrazzjoni orginali taghha huma JAE 485;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta’l-ghamla Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni GAC 818 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq;

5. u akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura ta’l-ghamla Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni GAC 818, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja specifikata u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta dwar r-riskji ta’ terzi persuni;

6. akkuzat aktar talli bhala persuna li ftiehem jew accetta li jixtri vettura ta’l-ghamla Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni JAE485, naqas li jaghti avviz bil-miktub fiz-zmien sebat ijiem lill-Awtorita dwar t-Trasport ta’ Malta dwar il-bidla tas-sid jew twellija tal-vettura.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja tas-27 ta' Gunju 2008.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghat-tielet akkuza li hija kap alternattiv ghat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar piena, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 261(g), 271(g), 281(a), 188, tal-Kapitolu 9, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, l-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 29 ta'l-Avviz Legali 476 ta'l-2004, issib l-imputat hati ta'l-akkuzi kollha ghajr ghat-tielet akkuza li minnha qed jigi illiberat, u tikkundannah ghal perijodu ta' disa' xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna illi l-imputat ghandu jigi skwalifikat milli ikollu jew jikseb kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------